MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 639/2013

Mobisle Communications Limited [C-24655]

Vs

Margaret D'Amato [ID. Nru. 539462M]

It-Tribunal,

Ra t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-1 ta' Ottubru, 2013 u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf hames mija wiehed u tmenin euro u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€1581.20] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' elf, hames mija u wiehed u tmenin ewro u ghoxrin ċenteżmi (€1581.20) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40175977, moghtija mis-socjeta attriċi skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt

mir-Registru Elettorali, u Dok IZY 4 – kopja ta' ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta ġiet interpellata sabiex thallas iżda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fit-8 ta' Novembru, 2013 u li fis-seduta tal-lum, hija dehret u ammettiet it-talba tas-socjeta rikorrenti.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata tas-somma ta' elf hames mija wiehed u tmenin euro u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€1581.20] rapprezentanti din is-somma hlasijiet in konnessjoni mas-servizzi ta' telekomunikazzjoni, u cioe dak tat-televizjoni, telefon u internet, kont numru A/C 40156464.

Ikkunsidra;

2. Illi fis-seduta tal-lum, dehret l-intimata u wara li t-Tribunal infurmaha li hija ghandha dritt tqabbad avukat u/jew persuna ta' fiduċja taghha sabiex jirrapprezentaha, hija ddikjarat li ma ghandha bżonn tqabbad lil hadd. L-intimata kompliet tghid li hija trid thallas l-ammont mitlub però tixtieq li thallsu hamsin euro (€50) fix-xahar l-ghaliex tghix bil-beneficcji soċjali (relief).

3. Semgha lill-istess intimata tiddikjara bil-gurament taghha li hija ghandha taghti l-ammont kollu reklamat fit-Talba odjerna.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, u ta' l-ammissjoni ta' l-intimata, t-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf hames mija wiehed u tmenin euro u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€1581.20] bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------